ARBITRU

Dott. Deborah Schembri

Seduta ta' nhar il-Gimgħa, 10 ta' Ottubru, 2025

Talba Nru: CCT67/25/DS

Maria Luisa Grech

Vs

Construct Furniture Co. Ltd

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fit-28 ta' Marzu, 2025 fejn talab illi s-soċjeta' intimata tirrifondi d-depożitu ta' elfejn Ewro (€2,000) fuq ordni ta' kamra tas-sodda wara illi s-sodda ordnata ma setgħetx tingħata lilha għaliex kienet imkissra u l-prodott ma baqgħax jiġi manufatturat u l-alternattivi li ġew suġġeriti lilha ma kienux a gradiment tagħha;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ daħħlet risposta fl-24 ta' Novembru, 2023;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ ma intavolatx risposta u ghal din ir-raguni giet meqjusa kontumaci minn dan it-Tribunal;

Ra illi l-attriċi preżentat il-pużizzjoni tagħha;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda prodotti, bil-ġurament.

Sema t-trattazzjonijiet.

Ikkunsidra

Illi l-fatti in suċċint huma s-segwenti: L-attriċi ordnat kamra tas-sodda flimkien ma sodda mingħand is-soċjeta' intimata. L-ordni kienet għat-total globali ta' erbat elef disgħa mija u sitta u disgħin Ewro (€4996). L-attriċi tat-depożitu ta' elfejn Ewro (€2,000) bħala parti mill-prezz ġlobali pero' wara rriżulta illi s-sodda kienet imkissra u l-prodott ma baqgħax jiġi manifatturat u għaldaqstant is-soċjeta' intimata provat toffri alternattiva għal sodda oħra pero' l-attriċi ma kienetx konvinta u ma sabitx l-alternattiva sodisfaċjenti. Is-soċjeta' intimata f'dan l-istadju infurmat lill-attriċi li setgħet ittiha biss id-depożitu tas-sodda biss lura u mhux id-depożitu tal-ordni kollha bir-rexiżżjoni tal-kuntratt shih.

Illi mill-provi jirriżulta illi r-rikorrenti kkonfermat d-dettalji dwar it-talba tiegħha taħt ġurament. Galadarba s-soċjeta' intimata la għamlet risposta u lanqas bagħtet rappreżentant tagħha sabiex jagħti x-xhieda tagħha l-verżjoni tar-rikorrenti m'hija bl-ebda mod kontradetta. Barra minn hekk il-verżjoni tar-rikorrenti hija korroborata min evidenza dokumentarja illi ma tħalli l-ebda dubbju f'moħħ dan it-Tribunal illi l-fatti graw hekk kif gie konfermat taħt gurament.

Ikkunsidra ulterjorment

Illi l-kuntratt illi sar bejnet il-kontenenti kien tal-għamara tal-kamra tas-sodda kif ukoll tas-sodda f'daqqa għalkemm ovvjament kien hemm il-prezzijiet tagħhom bħala items distinti fuq ordni. L-attriċi ma kienetx tixtri l-għamara li kieku mhux bħala parti minn sett illi għoġobha kif jidher flimkien u viċe versa. Il-preżż globali tal-ordni kien wieħed u d-depożitu infatti ma kienx jiddistingwi bejnet l-għamara u s-sodda iżda kien ukoll depożitu kumplessiv.

Galadarba s-soċjeta' intimata ma setgħetx tonera l-kuntratt li għamlet mal-attriċi hija ma tistax tispezzetta l-ordni kif jaqbel lilha sabiex iġġiel lill-konsumatriċi tixtri parti biss mill-affarijiet oriġinarjament ordnati.

Deċiżjoni

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti provat il-każ tagħha suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tagħha għandha tiġi milqugħa fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti, jirrexindi l-kuntratt ta' bejnet il-partijiet u jikkundanna s-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta'

elfejn Ewro (€2,000) lill-attriċi filwaqt illi jeħles lis-soċjeta' intimata mill-obbligu illi tikkunsinja l-prodotti.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

Deborah Schembri
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

Arbitru